MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Numru. 642/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Gabriel Micallef]**

**vs**

**Michelle Bugeja**
**Charlotte Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 642/2010**

**Illum 5 ta' Novembru 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Michelle Bugeja** bint Francis u Maria Dolores nee' Chircop, imwielda Pieta' fit-28 ta' Frar 1980, residenti Flat

12 No 4 West Street Belt u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 176580M; u

**Charlotte Vella** bint il-mejjet Noel u Diane nee' Borg, imwielda Pieta' fil-31 t' Awissu, 1980, residenti 112 Old Bakery Street, Belt u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 497780M.

Akkuzati talli fit-23 ta' Gunju 2010 ghall habta ta' bejn it-3.00pm u l-4.00pm, waqt li kienu gewwa l-hanut maghruf bhala 'Solid Gold' li qieghed fi Triq il-Halel San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' curkett maghmul minn deheb abjad li l-valur tieghu jammonta ghal erbgha mija u hdax il-Euro (€411), liema serq hu ggravat bil-valur u dan ghad-dannu tal-proprjetarju Anthony Saliba minn San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputata Michelle Bugeja bhala recidiva peress li kienet diga' nstabet hatja ta' delitti ohra b' sentenzi li kienu nghataw minn din l-istess Onorabbli Qorti, liema sentenza huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

U aktar talli b' ghemilha l-imsemmija Michelle Bugeja kkommettiet delitt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuqha fil-11/12/2009 minn din l-Onorabbli Qorti meta kienet nstabet hatja ta' delitt iehor u kienet giet ikkundannata tlier xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' Charlotte Vella bhala recidiva.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-29 ta’ Ottubru 2012 l-imputata Michelle Bugeja ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata Michelle Bugeja ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charlotte Vella huma ta’ serq aggravat bil-valur, u ta’ recidiva.

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma relattivament semplici. Iz-zewg imputati kienu qeghdin Bugibba flimkien ma’ terza persuna; f’xi hin iz-zewg imputati dahlu fil-hanut Solid Gold fil-waqt li l-persuna l-ohra baqghet barra. Michelle Bugeja tablet li tara xi crieket; hekk kif is-salesgirl hargitilha tray bic-crieket Charlotte Vella tablet li tara xi gizirani tad-deheb. Meta s-salesgirl kienet aljenata turi l-gizirani lil Vella, Bugeja hadet curkett u ftit wara kemm hi u Vella telqu ‘l barra. Fil-karozza Bugeja tat ic-curkett lil Vella li da parti taghha haditu ghand hanut tad-deheb il-Belt fejn bieghet ic-cukett; wara li bieghet ic-curkett Vella tat xi flus lil Bugeja.

Illi kif diga ntqal l-imputata Bugeja ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. L-imputata Charlotte Vella qed tikkontesta l-imputazzjonijiet; fil-waqt li Vella tammetti li wara li hargu mill-hanut Solid Gold Bugeja tatha c-curkett u li hi bieghetu, Vella tallega li hi ma kenitx taf li c-curkett kien misruq.

Illi s-salesgirl koncernata, Mandy Zammit, xehedet u rrakkontat li wara li z-zewg imputati dahlu fil-hanut Bugeja talbet li tara crieket u wara li harget tray bic-crieket Vella talbitha tara xi gizirana tad-deheb; meta uriet il-gizirana lil Vella s-salesgirl regghet marret hdejn Bugeja u ndunat li seta’ kien hemm curkett nieqes. Bdiet tippanikja pero ma qalet xejn sa kemm ivverifikat li fil-fatt kien hemm curkett

nieqes. Zammit kompliet tghid li fil-fehma taghha l-imputati ndunaw li hi kienet irrealizzat li kien naqas curkett u hargu mill-hanut; hi fil-fatt marret tigri warajhom u hadet nota tan-numru ta’ registrazzjoni tal-karozza li telqu biha.

Illi Charlotte Vella rrilaxxjat stqarrija u anke tat d-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti. Fid-depozizjoni taghha qalet li Bugeja riedet tixtri rigal u ghalhekk dahlu ghand is-Solid Gold; raw xi affarijiet pero f’xi hin Bugeja qaltilha biex imorru allura telqu. F’l-istqarrija taghha tat ftit aktar dettalji: qalet li dahlu fil-hanut biex hi (cioe Vella stess) tara xi affarijiet tal-fidda fil-waqt li Bugeja ridet iddur ghal xi rigal ghal ohtha. Raw xi deheb pero hargu ghaliex kollox kien gholi. Kompliet tghid, f’l-istqarrija, li meta waslu l-Belt Bugeja tatha ic-curkett biex tbieghulha u hi hekk ghamlet; qalet li bieghetu ghal hamsa u sittin Euro (€65) liema flus hi tat lil Bugeja. Vella baqghet tinsisti li hi mhux biss ma kelliex idea li Bugeja kienet ser tisraq xi haga, imma insistiet ukoll li hi ma ratx lil Bugeja tisraq ic-curkett u li lanqas kienet taf li c-curkett kien misruq meta Bugeja tatulha biex tbieghhu.

Illi Raymond Grech, il-persuna li xtrat ic-curkett minghand Vella, xehed ukoll. Hu qal li lil Vella hallasha mija u erbghin Euro (€140) ghac-curkett; hu stabilixxa dan il-prezz a bazi ta’ kemm kien fih deheb ic-curkett. Ghandu jigi rilevat ukoll li sid il-hanut xehed u qal li c-curkett in ezami jiswa xi erbgha mitt Euro (€400).

Illi huwa car mill-kumpless tal-provi kollha akkwieziti li kienet Michelle Bugeja li serqet dan ic-curkett fis-sens li kienet Bugeja li fizikament hadet ic-curkett pero huwa daqstant car li dan hija ghamlietu b’l-ghajnuna ta’ Charlotte Vella; ghajnuna li ppersistiet mhux biss biex Bugeja tkun tista’ tiehu c-curkett imma anke biex jinbiegh.

Illi huwa minnu li Vella tichad l-involviment taghha f’dan il-kaz pero Vella ma tantx tista’ titqies bhala xhud kredibbli dan mhux biss minhabba il-komportament taghha waqt id-depozizzjoni taghha imma anke tenut kont tal-kumpless kollu tal-provi inkluz dawk indizjarji.  Wiehed lanqas ma jista’ jinsa ukoll li Raymond Grech lil Vella taha €140

ghac-curkett pero hi qalet li bieghetu ghall-prezz ta’ €65 u li lil Bugeja tatha €65.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti tal-fehma li Charlotte Vella ghandha tinstab hatja ta’ komplicita fis-serq ta’ dan ic-curkett.

Illi dwar l-aggravju tal-valur f’l-imputazzjoni ta’ serq mill-provi jirrizulta li l-imputati nghataw €140 ghac-curkett pero sid il-hanut qal li c-curkett kien jiswa madwar €400. Din id-diskrepanza tista’ tigi rizolta peress li skond id-depozizzjoni tieghu stess Raymond Grech (il-persuna li xtrat ic-curkett minghand Vella) hallas biss ghall-valur tad-deheb u ma jidhirx li ha in konsiderazzjoni l-fossa u l-prezz tax-xoghol biex sar ic-curkett.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Charlotte Vella hija pruvata b’dan li hija qed tinstab hatja bhala komplici fir-reat ta’ serq aggravat.

Illi fil-konfront ta’ Charlotte Vella hemm ukoll l-imputazzjoni dwar recidiva pero ma giet prezentata l-ebda sentenza in sostenn ta’ din l-imputazzjoni li konsegwentement ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur huwa n-natura tar-reati li taghhom kull wahda mill-imputati qed tinstab hatja. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’ kull wahda mill-imputati. Dik ta’ Michelle Bugeja hija pjuttost preokkupanti pero jidher li dan l-ahhar hija qed taghmel sforzi konkreti biex tirriabilita lilha nnifisha. Charlotte Vella min-naha l-ohra ghandha fedina penali kwazi netta. In oltre ghandu jigi rilevat fil-konfront ta’ Michelle Bugeja li s-sentenza ta’ tlett xhur prigunerija sospiezi ghal sena ddahhlet fis-sehh permezz ta’ sentenza ohra tat-3 ta’ Frar 2012.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Michelle Bugeja** hatja ta’ l-imputazzjonijiet

migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; u

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputata **Charlotte Vella** hatja ta'l-imputazzjoni dwar recidiva u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 42(d), 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghha b'dan li hija qed tinstab hatja bhala komplici u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------